

It-Tlieta 26 ta' Marzu 2019

P8\_TA(2019)0231

**Id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali \*\*\*I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Marzu 2019 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali (COM(2016)0593 – C8-0383/2016 – 2016/0280(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 108/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0593),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0383/2016),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali fuq il-bażi legali proposta,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikoli 53(1), 62 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Jannar 2017 (¹),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Frar 2017 (²),
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbi fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-20 ta' Frar 2019 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 39 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat u tal-Kumitat ġhal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0245/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni meħmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

(¹) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 27.

(²) ĠU C 207, 30.6.2017, p. 80.

It-Tlieta 26 ta' Marzu 2019

**P8\_TC1-COD(2016)0280**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-26 ta' Marzu 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Direttiva (UE) 2019/790.)

---

---

**It-Tlieta 26 ta' Marzu 2019****ANNESS TAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA****DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-ORGANIZZATURI TAL-AVVENIMENTI SPORTIVI**

“Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza tal-organizzazzjonijiet tal-avvenimenti sportivi u r-rwol tagħhom b’rabta mal-iffinanzjar tal-aktivitajiet sportivi fl-Unjoni. Fid-dawl tad-dimensjoni soċjetali u ekonomika tal-isport fl-Unjoni, il-Kummissjoni se tevalwa l-isfidi tal-organizzaturi tal-avvenimenti sportivi fl-ambjent diġitali, b'mod partikolari l-kwistjonijiet relatati mat-trażmissjonijiet online illegali tax-xandiriet sportivi”.

---